# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Lulju, 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 252/2016 JVC**

**Avukat Larry Formosa [K.I. Nru. 2587G] ghan-nom u in rapprezentanza tal-inkapacitatà Jacqueline Seisun [K.I. Nru. 192371M]**

**vs**

**Simon Mallia [56669M]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent l-Avukat Dottor Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-inabilitata Jacqueline Seisun ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-attriċi Jacqueline Seisun ilha snin twal tbgħati minn disturbi psikotiċi kroniċi u fis-6 ta' Diċembru 2015 hija ġiet inabilitatà permezz ta' digriet numru 1152/2015 (digriet anness u mmarkat "Dok. JS 1").

2. Illi f'xi żmien qabel is-sena 2007, il-konvenut Simon Mallia daħal f'relazzjoni adultera u abbanduna lill-martu u lill-bintu li dak iż-żmien kienet għadha minuri.

3. Illi minkejja li l-konvenut kien jaf li l-attriċi kienet tbgħati mid-disturbi sureferiti u minkejja l-vulnerabiltà mentali tagħha u l-inkapaċità li tikkuntratta, il-kontendenti fil-11 ta' Diċembru 2007 daħlu f'kuntratt ta' separazzjoni (kopja annessa u mmarkata "Dok. JS 2").

4. Illi sussegwentament il-konvenut Mallia sforza l-bejgħ tad-dar matrimonjali (kopja ta' rikors anness u mmarkat "Dok. JS3") u permezz ta' digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Lulju 2010 fuq rikors tal-konvenut stess ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 2 ta' Settembru 2010 għall-bejgħ tad-dar matrimonjali fuq imsemmija u dan wara li ġiet stmata li tiswa mitejn elf Ewro (€200,000).

5. Illi l-konvenut Mallia akkwista permezz tas-subbasta l-fond hawn fuq imsemmi għall-prezz ta' mitt elf u ħames mitt ewro (€100,500) – (dan hekk kif jixhed id-dokument anness u mmarkat "Dok. JS 4").

6. Illi tul dawn il-proċeduri kollha intbagħtu sitt ittri uffiċjali mill-konvenut Simon Mallia lill-attriċi u dan ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

A. L-ewwel waħda datata 10 ta' Novembru 2008 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tmintax il-elf erbgħa mija u tnejn Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€18,402.26) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 5";
B. It-tieni waħda datata 14 ta' Mejju 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tlieta u għoxrin elf u sittin ewro u tmenin ewro ċenteżmu (€23,060.80) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 6";
C. It-tielet waħda datata 14 ta' Mejju 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tnejn u għxorin elf mija u disgħa u għoxrin ewro u ħames ċenteżmi (€22,129.05) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 7";
D. Ir-raba' waħda datata 27 ta' Jannar 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48) – Annessa u mmarkata "Dok JS 8";
E. Il-ħames waħda datata 27 ta' Jannar 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' dsatax il-elf mija u ewro u tmenin ċenteżmu (€19,101.08) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 9"; u
F. Is-sitt waħda datata 12 ta' Marzu 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 10".

7. Illi minħabba li l-attriċi ma kinitx mentalment kapaċi lil tieħu ħsieb u kura ta' ħwejjiġha u tal-affarijiet tagħha l-konvenut ottjena titolu eżekuttiv kontra tagħha.

8. Illi dawn l-ittri uffiċjali intbgħatu b'mod abbużiv għall-aħħar. Il-konvenut Mallia kien pjenament konxju bil-qagħda psikoloġika tal-attriċi u inqeda bil-proċeduri tant b'saħħithom

tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Illi darba li kkanonizza l-kreditu naxxenti minn dawn l-ittri uffiċjali l-konvenut Mallia daħħal rikors fejn talab li l-Qorti tapprova l-kompensazzjoni magħmula b'ċedola li ġiet ippreżentanta kontestwalment (ara dokumenti annessi u mmarkati "Dok. JS 11" u "Dok. JS 12"). Din it-talba ġiet milqugħa (ara dokument anness u mmarkat "Dok. JS 13").

10. Illi sussegwentament il-konvenut Mallia intavola talba għal l-iżgumbrament tal-attriċi mid-dar matrimonjali - Ċitazzjoni Numru 106/2011 JA fejn frott l-istat intelletwali tagħha l-istess attriċi naqqset milli tipparteċipa f'dawn il-proċeduri u baqgħet kontumaċja fihom (kopja informali tas-sentenza annessa u mmarkat "Dok. JS 14"). L-attriċi ġiet ordnata tiżgombra minn ġewwa l-fond fi żmien tlett xhur.

11. Illi wara li t-terminu ta' tlett xhur skada, l-attriċi spiċċat inħarġet bil-forza minn ġewwa l-fond matrimonjali mill-forzi tal-ordni. Hi għada sal-lum il-ġurnata ma tistax tikomprendi x'ġara u kif spiċċat imkeċċija mid-dar matrimonjali.

12. Illi essenzjalment permezz ta' dawn il-proċeduri l-attriċi ġiet sfruttata minn żewġha a vantaġġ tiegħu stess u konsegwentament spiċċat bla saqaf fuq rasha u mingħajr ċenteżmu. Illum qed tgħix flimkien ma bintha, żewġ ħutha oħra u mall-ġenituri anzjani tagħha. Hija spiċċat unikament issostni lil bintha b'riżultat li dawn jinsabu fi stat ta' faqar.

13. Illi ai termini tal-Artikolu 525 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti li saru qabel l-inabilitazzjoni tal-attriċi għandhom

jiġu annullati peress li r-raġuni tal-inabilitazzjoni kienet teżisti fiż-żmien li saru dawk l-atti kollha u dab b'mod pertikolari għall-kuntratt ta' separazzjoni u l-atti kollha sussegwenti.

14. Illi r-rikorrenti jikkonferma li jaf bil-fatti hawn elenkati personalment, u li għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi r-rikorrenti umilment jilob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atti kollha fuq imsemmija u ċioe' dawk magħmula mill-kuntratt ta' separazzjoni sureferit tal-11 ta' Diċembru 2007 'il quddiem huma nulli stante li l-istess Jacqueline Seisun kienet maħkuma minn disturbi psikotiċi li jagħmluha inkapaċi li tagħmel atti ċivili tal-ħajja tagħha u għalhekk ġew notifikati u ppronunzjati kontra persuna li hija inkapaċi skond il-liġi; u

2. Għar-raġunijiet fuq imsemmija tiddikjara bħala nulli u ineżisteni s-segwenti atti:

i. L-kuntratti tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet tal-11 ta' Diċembru 2007 magħmul quddiem in-Nutar Dottor Reuben Debono;
ii. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 3413/2008, datata 10 ta' Novembru 2008 li tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tmintax il-elf erbgħa mija u tnejn Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€18,402.26);
iii. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 1857/2009, datata 14 ta' Mejju 2009

tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tlieta u għoxrin elf u sittin ewro u tmenin ewro ċenteżmu (€23,060.80);

iv. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 1856/2009, datata 14 ta' Mejju 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tnejn u għxorin elf mija u disgħa u għoxrin ewro u ħames ċenteżmi (€22,129.05);

v. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 22/2010, datata 27 ta' Jannar 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48);

vi. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 23/2010, datata 27 ta' Jannar 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' dsatax il-elf mija u ewro u tmenin ċenteżmu (€19,101.08);

vii. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 54/2010, datata 12 ta' Marzu 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48); u

viii. L-atti tal-bejgħ bis-subbasta fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref. 89/2008.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Simon Mallia li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi primarjament l-espoenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrikuza ruhha u dan ai termini tal-Artikolu 734 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinarjament l-azzjoni attrici hija nulla minhabba l-irritwalita' tat-talbiet hekk kif imressqa fir-rikors guramentat;

3. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal premess fil-gurnata tal-intavolar ta' dawna l-proceduri il-kuratur ma kellux il-fakoltajiet li jintavola proceduri hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;

4. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kategorikament bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet segwenti u kif ser jigi pprovat mill-provi;

5. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal premess fil-gurnata tal-atti kollha indikati fir-rikors promutur l-imsemmija Jacqueline Seisun kellha l-pieni poteri mentali u intelletwali taghha u dana apparti l-fatt li ma kienitx inabilita' jew interdetta;

6. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghal interdizzjoni ma saritx *ai* termini tal-ligi hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

7. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-interdetta kienet f'kacapacita mentali fil-gurnata tal-ezekuzzjoni tal-atti hekk kif ser jigi pprovuat fil-mori tal-kawza;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.'.

Rat l-affidavits, xiehda, ittra ufficjali, ittri bil-procedura tal-166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rapporti, kuntratti, kontro-ezami, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi Dr Larry Formosa fil-verbal tal-24 ta' Mejju, 2016 gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-Artikolu 487 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat id-digriet tat-13 ta' Gunju, 2016 a fol. 40 *et seq* tal-process dwar l-ewwel eccezzjoni fejn permezz tieghu l-Qorti kif diversament preseduta cahdet it-talba;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Ottubru, 2016 Dr Larry Formosa talab l-allegazzjoni tal-atti tas-subbasta bin-numru 89/2008;

Rat ukoll illi fil-verbal tal-20 ta' Ottubru, 2016 Dr Larry Formosa talab ukoll in-nomina ta' Perit Psikjatriku sabiex jiddetermina l-kapacita' ta' Jacqueline Seisun fil-perijodu meta saru l-atti in mertu, izda qabel talab li jipprezenta aktar xiehda, u rat id-digriet tal-Qorti kif diversment preseduta li laqghet it-talba u rriservat li tinnomina l-psikjatra fi stadju ulterjuri;

Rat ir-rikors ta' Dr Larry Formosa ntavolat nhar it-13 ta' Ottubru, 2016 fejn permezz tieghu talab sabiex il-kawza fl-ismijiet Avukat Larry Formosa noe vs Simon Mallia bir-rikors guramentat numru 269/2016 tingieb quddiem din l-Qorti, rat ir-risposta tal-intimat intavolata fis-26 ta' Ottubru, 2016 fejn irrimetta ruhu u rat id-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta datat 16 ta' Novembru, 2016 fejn fic-cirkostanzi ordnat li din il-kawza tinstema' flimkien

mal-kawza fl-istess ismijiet li giet intavolata posterjorment ghal din il-kawza (Rik Gur 269/16 AF) billi l-kawzi jitrattaw l-istess mertu;

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' Jannar, 2017 gie vverbalizzat li l-provi li qed jingabru f'din il-kawza ghandhom japplikaw ukoll ghall-kawza 269/2016;

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu, 2017 fejn wara li Dr Larry Formosa talab lil Qorti tghaddi ghan-nomina ta' Psikjatra skont il-verbal tal-20 ta' Ottubru, 2016 u rat li Dr Josette Sultana qablet ghat-talba, il-Qorti ghaddiet sabiex innominat lil Dr Jean Pierre Giorgio sabiex jiddetermina l-kapacita' ta' Jacqueline Seisun ghal fini tal-kompetenza taghha fiz-zmien tal-kuntratt ta' separazzjoni u cioe' fil-11 ta' Dicembru, 2007 u kif ukoll jekk kellhiex il-kapacita' li toqghod fi proceduri gudizzjarji ghal fini tas-subbasta tad-dar li sar fit-2 ta' Settembru, 2010. Il-psikjatra nghata l-possibilita' li jiehu konjizzjoni tal-atti esebiti, kif ukoll jezamina lil Jacqueline Seisun, u jisma' dawk ix-xhieda li jidhirlu opportuni ghall-ahjar espletazzjoni tal-inkarigu tieghu, u jaghmel rapport wiehed fuq iz-zewg kawzi;

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar, 2018 a fol. 87 tal-process fejn il-Qorti ssostitwiet lil Dr Jean Pierre Giorgio bhala perit psikjatriku billi rrevokatlu l-inkarigu minghajr ebda hlas dovut u hatret minfloku lil Profs David Mamo, fit-termini tad-digriet tal-21 ta' Marzu, 2017, a fol. 69 tal-process;

Rat ir-rapport tal-Profs David Mamo li gie esebit nhar id-29 ta' Mejju, 2018 u mahluf fil-5 ta' Gunju, 2018 u jinsab fl-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru 269/2016 fl-ismijiet Formosa Larry Avukat noe -vs- Mallia Simon a fol. 58 tal-process;

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Gunju, 2018 Profs David Mamo pprezenta r-risposti in eskussjoni a fol. 97 tal-process mahlufa *seduta stante* liema xiehda giet registrata bis-sistema eletronika;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Jannar, 2019 Dr Sarah Pirotta Chircop Beck ghall-attur nomine talbet li l-Qorti tinnomina Perit Tekniku sabiex tivvaluta l-fond Valentine, Nru 2, Triq Sir Arthur Borton, Mosta, jigi vvalutat ukoll kemm kienet tiswa d-dar fis-sena 2011 u cioe' fil-perijodu tal-izgumbrament, u wkoll kemm hu l-valur tal-uzufrutt tal-post kemm ilha barra. Rat illi Dr Josette Sultana ghall-intimat opponiet ghal din it-talba stante li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ppubblikat fl-2007 bl-intendiment li l-proprjeta' tinbiegh saret is-subbasta bejn l-2010 u l-2011, kien hemm ukoll il-valutazzjoni tal-perit u l-atti kollha kienu gew awtorizzati bl-awtorita' tal-Onorabbli Qorti u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta fejn innominat lill-Perit Tekniku Godwin Abela biex jaghmel stima tal-proprjeta' skont kif mitlub, kif ukoll ir-'rental value' tal-fond mill-2011 kull tliet snin sallum;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Jannar, 2019 il-partijiet qablu li r-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela ghandu japplika ghall-kawza 296/2016;

Rat illi nhar l-1 ta' April, 2019 gie pprezentat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela li gie mahluf nhar it-12 ta' Gunju, 2019 u jinsab a fol. 126 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Frar, 2021 il-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tal-Avukat rikorrenti nomine datat 17 ta' Gunju, 2021, li fih wara li allega li r-rikorrenti kienet sabiet xi dokumentazzjoni ulterjuri sabiex isahhah it-talbiet taghha, talab li jigi awtorizzat jiprezentahom fl-atti filwaqt li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni. Rat li permezz ta' nota sussegwenti l-Avukat rikorrenti nomine ghaddha sabiex esebixxa dawn id-dokumenti minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti.  Il-Qorti rat li fl-atti odjerni r-rikorrenti kellha oltre minn erba' snin zmien sabiex tressaq il-provi taghha u ghalhekk ma tarax li tali tardivita' sabiex jigu prezentati dawn id-dokumenti hija gustifikata partikolarment wara li l-kawza giet differita ghad-decizjoni u sahansitra l-partijiet prezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub. Il-Qorti ghalhekk qed tghaddi sabiex tichad it-talba kif kontenuta fir-rikors datat 17 ta' Gunju, 2021 u tordna l-isfilz tad-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti wara l-istess rikors.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur l-Avukat Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-inkapacita` ta' Jacqueline Seisun jippremetti li l-imsemmija Jacqueline Seisun ilha snin twal tbati minn disturbi psikotici kronici u fis-6 ta' Dicembru, 2015 giet inabilitata' permezz ta' digriet numru 1152/2015LSO. L-Avukat Larry Formosa jzid li Jacqueline Seisun kienet ilha ssofri minn disturbi psikotici minn meta hija dahlet f'kuntratt ta' separazzjoni fil-11 ta' Dicembru, 2007. Isostni wkoll li fil-proceduri kollha li saru l-attrici giet sfruttata minn zewgha Simon Mallia a vantagg tieghu fejn hija spiccat bla saqaf fuq rasha u minghajr centezmu. Talab ghalhekk *inter alia* li jigi dikjarat u deciz li l-atti kollha maghmula

mill-kuntratt tas-separazzjoni tal-11 ta' Dicembru, 2007 il-quddiem huma nulli stante li Jacqueline Seisun kienet mahkuma minn disturbi psikotici li jaghmluha inkapaci li taghmel atti tal-hajja civili b'dan li gew notifikati u ppronuncjati kontra persuna li hija nkapaci skont il-ligi. Talab ukoll li l-Qorti tiddikjara nulli u inezistenti l-atti kollha li gew indikati fit-tieni talba.

Min-naha tal-intimat Simon Mallia fir-risposta guramentata tat-13 ta' Mejju, 2016 primarjament talab lill-Qorti kif diversament preseduta sabiex tirrikuza ruhha ai termini tal-Artikolu 734 sub-artikolu 2 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Subordinarjament eccepixxa li l-azzjoni attrici hija nulla minhabba l-irritwalita' tat-talbiet hekk kif imressqa fir-rikors guramentat. Eccepixxa wkoll li fil-gurnata tal-intavolar ta' dawn il-proceduri l-kuratur ma kellux il-fakultajiet li jintavola proceduri hekk kif ser jigi ppruvat. Eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda kategorikament bl-ispejjez. L-intimat fil-hames eccezzjoni tieghu sostna li fil-gurnata tal-atti kollha ndikati fir-rikors promotur l-imsemmija Jacqueline Seisun kellha l-pieni poteri mentali u intellettwali taghha u dan apparti li ma kinetx inabilitata' jew interdetta. Eccepixxa wkoll li t-talba ghal interdizzjoni ma saritx ai termini tal-ligi. Finalment eccepixxa li l-interdetta Jacqueline Seisun kienet f'kapacita' mentali fil-gurnata tal-ezekuzzjoni tal-atti.

**Kronologija tal-fatti:**

Illi mill-atti taz-zewg processi jirrizulta li l-kronologija tal-fatti li waslu ghall-kaz odjern huma kif isegwu:

1. L-inabilitata' Jacqueline Seisun u l-intimat Simon Mallia zzewgu fis-27 ta' Settembru, 1991 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla Charlene Mallia.

2. Sussegwentement il-hajja konjugali ta' Jacqueline Seisun u l-intimat Simon Mallia ma baqghetx aktar possibbli u sseparaw permezz ta' kuntratt tal-11 ta' Dicembru, 2007 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono (ara kuntratt ta' separazzjoni personali a fol. 9 *et seq* tal-process).

   Fil-klawsola numru 11 tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-11 ta' Dicembru, 2007 dwar id-dar matrimonjali l-partijiet kienu qablu s-segwenti:

   > '11. Il-partijiet qeghdin jaqblu u jiftiehmu illi l-fond hawn fuq citat gja dar matrimonjali ghandu jinbiegh lil terzi ghall-prezz ta' mhux inqas minn mitt elf Lira Maltin (Lm100,000) ekwivalenti ghal mitejn tnejn u tletin elf disa' mija sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€232937.34) u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-komparenti partijiet wara li jithallas id-dejn gravanti l-istess fond u djun ohra li jista' ikun hemm. Il-mara ser tibqa' tghix fil-fond imsemmi sakemm dan jinbiegh lil terzi.
   >
   > Il-partijiet jaqblu illi l-imsemmija propjeta` ossia d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh vakanti u ghal dan il-ghan il-mara qeghdha tobligha ruhha fuq dan il-kuntratt illi tizgombra tali propjeta hekk kif jigi ppubblikat l-kuntratt finali tal-bejgh.

Il-partijiet qeghdin jaqblu illi jekk xi wiehed jew wahda minnhom jirrifjuta milli jaghti l-kunsens tieghu sabiex jinbigh l-imsemmi fond ghall xi raguni illi mhux valida fil-ligi, jew jekk xi parti minnhom ma jersaqx jew tersaqx ghall-kuntratt finali, il-parti li tkun naqset milli taghmel dan tinkorri penali ta' mitt lira Maltin (Lm100) ekwivalenti ghal mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu ta' l-Ewro (€232.94) ghal kull gurnata sakemm jingahta l-kunsens ghall-bejgh ta' din il-propjeta` jew sakemm ma jsirx il-kuntratt finali.'

3. Illi fid-19 ta' Dicembru, 2008 l-intimat Simon Mallia pproceda bl-intavolar ta' rikors ghas-subbasta fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Simon Mallia -vs- Jacqueline Seisun bin-numru 89/2008 u dan ghaliex skontu l-inabilitata Jacqueline Seisun kienet qieghda taqla' l-inkwiet fejn jidhol il-bejgh tal-proprjeta'. Fl-imsemmi rikors talab fost affarijiet ohra li (i) l-Qorti tordna l-bejgh bis-subbasta tal-fond bl-isem 'Valentine' bin-numru ufficjali tnejn (2), Triq Sir Arthur Borton, Mosta, (ii) tinnomina Perit sabiex jivvaluta l-imsemmi fond ghall-finijiet tas-subbasta u (iii) tiffissa gurnata, hin u lok ghall-imsemmi bejgh sabiex l-esponenti jkun f'posizzjoni li jithallas l-ammont lilu dovut mir-rikavat tal-bejgh tal-istess fond, u (iv) tawtorizza lill-esponenti sabiex joffri *animo compensandi* fil-bejgh tal-imsemmi fond (ara process tas-subbasta bin-numru 89/08 allegat mal-kawza odjerna).

   **Jigi nnutat li fir-rikors promotur tas-subbasta bin-numru 89/08 l-intimat Simon Mallia ddikjara li Jacqueline Seisun kienet qieghda taqla' l-inkwiet u li kien qieghed jiehu hsiebha huwha Godfrey Seisun peress li kellha bzonn kura psikologika.**

4. Illi fl-istess zmien u anki sussegwentement ghar-rikors suespost l-intimat Simon Mallia ntavola ghadd ta' ittri ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghhom kien qieghed jitlob ammonti ta' flus rapprezentanti ammont dovut peress li Jacqueline Seisun allegatament kisret obbligazzjonijiet li gew patwiti permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-11 ta' Novembru, 2018 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono. Dawn l-ittri gew rezi ezekuttivi stante li ma gewx opposti minn Jacqueline Seisun hekk kif stipulat mill-Ligi. Dawn huma s-segwenti:

   i. Ittra ufficjali ntavolata nhar l-10 ta' Novembru, 2008 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tmintax il-elf erba' mija u tnejn Ewro u sitta u għoxrin centezmu (€18,402.26) (a fol. 18 tal-process);

   ii. Ittra ufficjali ntavolata nhar l-14 ta' Mejju, 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tlieta u għoxrin elf u sittin ewro u tmenin ewro ċenteżmu (€23,060.80) (a fol. 19 tal-process);

   iii. Ittra ufficjali ntavolata nhar l-14 ta' Mejju, 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf mija u disgħa u għoxrin ewro u ħames ċenteżmi (€22,129.05) (a fol. 20 tal-process);

   iv. Ittra ufficjali ntavolata nhar is-27 ta' Jannar, 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48) (a fol. 21 tal-process);

v. Ittra ufficjali ntavolata nhar is-27 ta' Jannar, 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' dsatax-il elf mija u ewro u tmien ċenteżmu (€19,101.08) (a fol. 22 tal-process); u

vi. Ittra ufficjali ntavolata nhar it-12 ta' Marzu, 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48) (a fol. 23 tal-process).

5. Illi l-intimat Simon Mallia ntavola rikors fl-atti tas-subbasta datat 30 ta' Gunju, 2009 fejn talab lil Qorti kif diversament preseduta sabiex l-ammont indikat fl-imsemmi rikors jizdied mal-ammont originarjament dovut fir-rikors tal-atti u tawtorizzah sabiex joffri *animo compensandi* fil-bejgh tal-fond u stante li ma saret l-ebda oppozizzjoni, il-Qorti permezz ta' digriet tal-11 ta' Settembru, 2009 laqghet it-talba.

6. Illi sussegwentement l-intimat Simon Mallia rega' ntavola rikors iehor fl-atti tas-subbasta datat 9 ta' Lulju, 2010 fejn permezz tieghu nforma lill-Qorti li Jacqueline Seisun hija debitrici tieghu fl-ammont ta' €61,962.04 oltre l-imghax u l-ispejjez u talab sabiex l-ammont indikat jizdied mal-ammont originarjament dovut fir-rikors tal-atti tas-subbasta tal-fond bl-isem 'Valentine', bin-numru ufficjali 2 fi Triq Sir Arthur Borton, Mosta u tawtorizzah joffri *animo compensandi* fil-bejgh.

7. Illi s-subbasta saret nhar it-2 ta' Settembru, 2010 u l-fond ittiehed mill-intimat Simon Mallia versu l-prezz ta' €100,500 *animo compensandi*.

L-intimat nhar l-24 ta' Settembru, 2010 ipprezenta cedola ta' kompensazzjoni, kif ukoll rikors fejn talab li l-Qorti joghgobha tapprova l-kompensazzjoni maghmula bic-cedola liema rikors gie milqugh b'digriet tat-23 ta' Novembru, 2010.

8. Illi fis-7 ta' Frar, 2011 l-intimat Simon Mallia ntavola rikors guramentat bir-rikors guramentat numru 106/2011 fl-ismijiet Simon Mallia -vs- Jacqueline Seisun fejn permezz tieghu talab li l-Qorti tawtorizza r-ripreza tal-fond u jekk ikun il-kaz tordna l-izgumbrament f'terminu qasir u perentorju.

F'dawn il-proceduri l-intimata Jacqueline Seisun giet dikjarata kontumaci stante li ghalkemm debitament notifikata ma ntavolat l-ebda risposta guramentata. Il-Qorti ghaddiet ghad-decizjoni nhar l-10 ta' Ottubru, 2011 fejn laqghet it-talbiet kollha attrici u ghall-fini tat-tieni talba ordnat li l-konvenuta tizgombra mill-proprjeta' in kwistjoni fi zmien tlett xhur (ara decizjoni a fol. 27 *et seq* tal-process).

Wara li ghadda l-imsemmi perijodu ta' tlett (3) xhur Jacqueline Seisun giet zgumbrata minn gewwa l-fond bl-ghajnuna tal-forzi tal-ordni.

9. Nhar l-1 ta' Dicembru, 2014 Dr Larry Formosa ntavola rikors bin-numru 1146/2014 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fejn talab sabiex l-imsemmija Jacqueline Seisun tigi inabilitata hekk kif jidher mic-certifikat tal-Psikjatra Dr Joseph Spiteri u dan fl-ahjar interess taghha skont il-Ligi.

Sussegwentement nhar is-6 ta' Dicembru, 2015 il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) tat digriet fejn laqghet it-

talba u ordnat li Jacqueline Seisun tigi inabilitata ai termini tal-Artikolu 524 sub-artikolu 1 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) milli toqghod f'kawza, taghmel transazzjonijiet, tissellef flus, tircievi kapitali, tehles lil haddiehor minn obbligi, titrasferixxi jew tipoteka l-beni taghha, jew milli taghmel atti ohra mhux ta' semplici amministrazzjoni, minghajr l-assistenza tal-kuratur l-Avukat Dottor Larry Formosa li gie mahtur sabiex jassisti lill-inabilitata fl-atti msemmija.

10. Fid-29 ta' Marzu, 2016 l-Avukat Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-inkapacitata` Jacqueline Seisun ntavola l-kawza odjerna fejn qed jitlob li l-atti kollha nkluz il-kuntratt ta' separazzjoni tal-11 ta' Dicembru, 2007 u l-atti sussegwenti jigu dikjarati nulli u inezistenti stante li allegatament l-imsemmija Jacqueline Seisun kienet inkapaci li taghmel atti tal-hajja civili billi kienet mahkuma minn disturbi psikotici.

11. Sussegwentement u cioe' fl-4 ta' April, 2016 gietipprezentata kawza ohra fl-istess ismijiet Avukat Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-inkapacitata Jacqueline Seisun -vs- Simon Mallia bir-rikors guramentat numru 269/2016 fejn permezz taghha fost affarijiet ohra ntalab li jigi likwidat kumpens dovut bhala danni lill-attrici. Din hija appuntu l-kawza li giet konnessa mal-atti odjerni u qed tigi deciza wkoll llum stess minn din il-Qorti.

**<u>L-ewwel eccezzjoni:</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Simon Mallia talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrikuza ruhha u dan ai termini ta' l-Artikolu 734 sub-artikolu 2 tal-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-Qorti fir-rigward din l-eccezzjoni tinnota li Dr Larry Formosa fil-verbal tal-24 ta' Mejju, 2016 a fol. 39 tal-process gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-Artikolu 487 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi permezz ta' digriet tat-13 ta' Gunju, 2016 a fol. 40 *et seq* tal-process il-Qorti kif diversament preseduta fir-rigward din l-ewwel eccezzjoni wara li qieset li ma dahlitx fil-mertu tal-kapacita' o meno tal-inabilitata fiz-zmien tal-atti legali li qed jigu mpunjati fil-kawza odjerna u ghalhekk rat li jonqos l-element mehtieg mill-Artikolu 734 sub-artikolu 2 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, iddekretat billi ghaddiet sabiex tichad it-talba.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost stante li rrizulta li din l-eccezzjoni giet gja deciza, l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara din l-eccezzjoni bhala sorvolata.

**It-tieni eccezzjoni:**

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-intimat Simon Mallia qieghed jeccepixxi li l-azzjoni hija nulla minhabba l-irritwalita' tat-talbiet hekk kif imressqa fir-rikors guramentat.

Il-Qorti tinnota li malgrad li l-intimat ressaq din l-eccezzjoni, fl-atti ma ressaq l-ebda provi, u lanqas ghamel l-icken accenn fin-nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward.

Il-Qorti fliet kemm il-premessi, kif ukoll it-talbiet, u tinnota li effettivament m'hemm xejn li jista jwassal sabiex jigi dikjarat li t-talbiet huma irritwali.

Ikkunsidrat li min jallega jrid jipprova u fil-kaz odjern l-intimat Simon Mallia ma ressaq xejn li juri li effettivament hemm l-irritwalita' tat-talbiet, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni bi spejjez kontra l-intimat.

**<u>It-tielet eccezzjoni u s-sitt eccezzjoni:</u>**

Bhala t-tielet eccezzjoni, l-intimat eccepixxa li fil-gurnata tal-intavolar ta' dawn il-proceduri l-kuratur ma kellux il-fakultajiet li jintavola proceduri hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Ukoll fis-sitt eccezzjoni, l-intimat eccepixxa li t-talba ghall-interdizzjoni ma saritx ai termini tal-ligi hekk kif ser jigi ppruvat. Jigi nnutat li l-intimat Simon Mallia f'din is-sitt eccezzjoni ghamel referenza ghall-interdizzjoni meta effettivament il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja laqghet it-talba ghall-inabilitazzjoni ta' Jacqueline Seisun u mhux interdizzjoni.

Illi l-intimat Simon Mallia fl-atti, ghal darba ohra, ma ressaqx provi dwar dawn l-eccezzjonijiet u lanqas ghamel accenn ghalihom fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ntavolata nhar it-13 ta' Mejju, 2021.

Mill-atti jirrizulta li l-Avukat Larry Formosa ntavola rikors nhar l-1 ta' Dicembru, 2014 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) bin-numru 1146/14 liema rikors gie dekretat finalment nhar is-6 ta' Dicembru, 2015 (ara digriet a fol. 8 tal-process) fejn il-Qorti ddecidiet kif isegwi:

'... Ghaldaqstant tilqa' t-talba u tordna li **Jacqueline Seisun** (K.I. 192371M) ta' "Valentine" Triq Sir Arthur Burton Mosta izda li toqghod f'122, "Joskate" Carmel Street Zurrieq, tigi inabilitata ai termini tal-**artikolu 524(1) tal-Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** milli toqghod f'kawza, taghmel transazzjonijiet, tissellef flus, tircievi kapitali, tehles lil haddiehor minn obbligi, tittrasferixxi jew tipoteka l-beni taghha, jew milli taghmel atti ohra mhux ta' semplici amministrazzjoni, minghajr l-assistenza tal-kuratur hawn mahtur.

Tinnomina lill-**Avukat Larry Formosa (KI 2587G)** bhala kuratur sabiex jassisti lill-inabilitata fl-atti hawn fuq imsemmija kif elenkati fl-imsemmi art. 524(1) tal-Kap. 12 skond il-Ligi u dan prevja li jobbliga ruhu fl-atti b'iskrizzjoni ta' Ipoteka Legali li jaqdi d-dmirijiet tieghu fl-interess tal-inabilitata.'

Illi l-Artikolu 524 sub-artikolu 1 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi kif isegwi:

'(1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed għall-interdizzjoni, il-qorti tista' tordna b'digriet, jekk iċ-ċirkostanzi hekk ikunu jiħtieġu, li l-persuna, illi tagħha tintalab l-interdizzjoni, tiġi inabilitata milli toqgħod f'kawża, tagħmel transazzjonijiet, tissellef flus, tirċievi kapitali, teħles lil ħaddieħor minn obbligi, tittrasferixxi jew tipoteka l-beni tagħha, jew milli tagħmel atti oħra mhux ta' sempliċi amministrazzjoni, mingħajr l-assistenza ta' kuratur, li jiġi maħtur fl-istess digriet.'

Mill-atti jirrizulta li l-kuratur gie mahtur nhar is-6 ta' Dicembru, 2015 filwaqt li l-kawza odjerna giet intavolata nhar id-29 ta' Marzu, 2016 u ghalhekk bla ebda dubju l-kuratur l-Avukat Larry Formosa agixxa meta huwa kien ilu mahtur bhala kuratur il' fuq minn tlett (3) xhur. Ma jirrizultax li dak li qieghed jaghmel il-kuratur l-Avukat Larry Formosa b'xi mod huwa ta' pregudizzju jew mhux fl-interess tal-inabilitata'.

Dan premess, l-intimat Simon Mallia lanqas biss ressaq xi dokumentazzjoni ulterjuri sabiex isahhah l-argument tieghu avanzat fis-sitt eccezzjoni li t-talba ghall-inabilitazzjoni ma saritx ai termini tal-ligi, b'dan li l-Qorti ghandha f'idejha biss id-digriet li minn ezami tieghu jirrizulta li t-talba ghall-interdizzjoni hija konformi mal-ligi. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li din is-sitt eccezzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad kemm it-tielet u s-sitt eccezzjoni a spejjez tal-intimat.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi l-kawza odjerna titratta talbiet sabiex jigi dikjarat u deciz li atti maghmula minn Jacqueline Seisun jew fil-konfront ta' Jacqueline Seisun lura fis-sena 2007 'il quddiem huma nulli u inezistenti stante li l-imsemmija Jacqueline Seisun kienet mahkuma minn disturbi psikotici li jaghmluha nkapaci li taghmel atti tal-hajja civili.

Illi da parti tal-intimat Simon Mallia fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ntavolata nhar it-13 ta' Mejju, 2021 dwar id-disturbi mentali ta' Jacqueline Seisun sa minn qabel is-sena 2007 huwa jittenta jargumenta li din il-verzjoni qatt ma tista tigi emmnuta stante li hija qatt ma giet riferuta ghal xi tip ta' ghajnuna jew konsulenza

psikjatrika ghajr fl-2013. Sahansitra jargumenta li hija ma giet preskritta l-ebda medicina meta giet ammessa fl-Isptar Monte Carmeli u lanqas jirrizulta li kellha storja psikjatrika minn noti medici taghha li gew ezebiti fl-atti.

L-attur l-Avukat Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsemmija Jacqueline Seisun fit-tlettax-il (13) premessa jiddikjara li l-kawza saret a bazi tal-Artikolu 525 sub-artikolu 2 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaqra kif isegwi:

> '(2) L-atti ta' qabel l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni jistgħu jiġu annullati, jekk ir-raġuni tal-interdizzjoni jew tal-inabilitazzjoni kienet teżisti fiż-żmien li saru dawk l-atti.'

Ghalhekk il-kawza odjerna titratta l-kapacita' kuntrattwali tal-inabilitata' Jacqueline Seisun mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 11 ta' Dicembru, 2007 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono, il' quddiem. Fuq il-kapacita' kuntrattwali l-Qorti ser tikkwota mid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Scerri -vs- Anna Fenech et** deciza nhar l-10 ta' Mejju, 2006 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li giet ukoll ikwotata miz-zewg partijiet fil-kawza. A propozitu l-Qorti rriteniet illi:

> 'Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li tqajjem din il-kawża jduru mal-kwestjoni tal-kapaċita' kuntrattwali ta' persuna għal dak li jirrigwarda l-għoti tal-kunsens tagħha għall-ftehim. Il-kapaċita' kuntrattwali hija wieħed mill-erba' elementi kostitutivi ewlenin u essenzjali ta' kull kuntratt għaliex jolqot fis-sħiħ dak li l-partijiet suppost li jkunu ftehmu dwaru, jiġifieri kemm dwar l-oġġett tal-ftehim u kif ukoll dwar ir-rabtiet li kull parti f'dak il-ftehim tkun qablet li toqgħod

għalihom[1]. Biex il-kunsens jista' jingħad li jkun jgħodd, mhux biżżejjed li wieħed iħares lejn is-sura esterna tiegħu (jiġifieri li joqgħod biss minn dak li jidher) fuq il-kuntratt. Dan jingħad għaliex dak li jidher irid ikun jaqbel ma' dik id-dispożizzjoni psikoloġika fil-ġewwieni tal-persuna li tkun tixhed il-qbil tagħha ma' dak li immanifestat fid-dieher. Għalhekk, mhux bilfors li għaliex bniedem jagħmel il-firma jew il-marka tiegħu fuq kuntratt dan waħdu jkun ifisser li dik il-persuna kellha l-fehma interna jew il-kapaċita' mentali li tintrabat f'kuntratt. Min-naħa l-oħra, sakemm min jallega l-inkapaċita' ma jseħħlux jippruvaha kif imiss, jibqa' meqjus li l-kunsens intern kien rifless f'dak li jidher fuq l-att jew fil-kuntratt. Dan għaliex l-inkapaċita' li wieħed jersaq għal kuntratt hija l-eċċezzjoni għar-regola li kulħadd huwa kapaċi li jintrabat f'kuntratt;

Illi l-kapaċita' li wieħed jintrabat f'kuntratt timplika li dik il-persuna tista' waħedha tieħu ħsieb ħwejjiġha. Il-kapaċita' naturali li wieħed jersaq fuq kuntratt titlob kemm id-dehen meħtieġ biex bih il-persuna tagħraf tintrabat fil-ftehim, u kif ukoll il-liberta' li tagħmel dan mingħajr ma tkun imġegħla jew imxekkla. Il-kapaċita' legali li wieħed jintrabat f'kuntratt titlob li l-persuna ma tkunx miżmuma milli tersaq fuq kuntratt għal xi stat legali li jġibha jew jagħmilha hekk inkapaċi;

Illi l-liġi[2] trid li kull kuntratt magħmul minn persuna li m'għandhiex l-użu tar-raġuni huwa null. Din hija nullita' relattiva, li ma tistax titqanqal minn dak li jkun ikkuntratta mal-persuna inkapaċi[3], biex b'hekk ħadd ma jieħu vantaġġ

---

[1] Art. 966 tal-Kap 16

[2] Art. 968 tal-Kap 16
[3] Art. 973 tal-Kap 16

miċ-ċirkostanza tal-inkapaċita' ta' dak li jkun[4]. L-interdizzjoni mit-twettiq ta' atti ta' stat ċivili għandha l-effett li ġġib ma jiswewx il-kuntratti li dik il-persuna tagħmel. Tali interdizzjoni tista' tkun waħda ġenerali għal kull xorta ta' kuntratt jew inkella interdizzjoni speċjali li tolqot biss xi kuntratti partikolari[5]. Fil-każ ta' persuna li l-inkapaċita' kuntrattwali tagħha titnissel mill-interdizzjoni, hija d-dikjarazzjoni nnifisha magħmula mill-Qorti kompetenti li ġġib magħha l-bidu fis-seħħ ta' dik l-inkapaċita' u kull att magħmul mill-persuna interdetta minn dak inhar 'il quddiem ma jiswiex[6]. Din il-qagħda ddum sakemm, b'degriet ieħor, tiġi mħassra jekk kemm-il darba r-raġuni li għaliha tkun ġiet ordnata ma tibqax teżisti[7];

Illi, minħabba li l-istat li jwassal għall-interdizzjoni jista' jkun ilu xi żmien juri ruħu fil-persuna li tkun, il-liġi taħseb ukoll għall-possibilita' fejn atti li jkunu saru qabel id-data meta jkun ingħata d-degriet tal-interdizzjoni jistgħu jiġu annullati jekk ir-raġuni li għaliha tkun ingħatat dik l- interdizzjoni jintwera li kienet diġa' teżisti meta saru dawk l-atti[8]. F'każ bħal dan, it-tħassir ta' kuntratti li jkunu saru qabel id-data tal-għoti tad-degriet tal-interdizzjoni (jew inabilitazzjoni) jiddependi fuq jekk l-inkapaċita' naturali tal-persuna li tkun tiġix ippruvata fi grad tajjeb biżżejjed. L-azzjoni attriċi f'dan il-każ taqa' sewwasew f'din iċ-ċirkostanza maħsuba mil-liġi. Filwaqt li, fil-każ tal-inkapaċita' wara d-digriet tal-interdizzjoni (jew inabilitazzjoni) tali inkapaċita' titnissel bis-saħħa ta' dak il-pronunċjament ġudizzjarju, fil-każ tal-inkapaċita' naturali

[4] App. Ċiv. 11.11.1955 fil-kawża fl-ismijiet Gauc□i et vs Gauc□i et (Kollez. Vol: XXXIX.i.286)
[5] Art. 972 tal-Kap 16
[6] Art. 525(1) tal-Kap 12
[7] Art.526 tal-Kap 12
[8] Art. 525(2) tal-kap 12

din trid tintwera sewwa minn min jallegaha. Mhux hekk biss, iżda jkun irid jipprova li dik l-inkapaċita' kienet teżisti sewwasew fil-waqt li jkun sar l-att jew il-kuntratt impunjat;

Illi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċita' kuntrattwali tal-persuna, huwa mgħallem li fil-qasam tal-kuntratti bilaterali (ukoll jekk mhux kommutativi) il-qies li jittieħed huwa wieħed aktar strett mill-kriterji li jintużaw biex titkejjel il-kapaċita' li wieħed jiddisponi b'testment. Dan jinħad fil-każ ta' persuna milquta minn mard tal-moħħ li, f'waqtiet luċidi, tista' tkun taf xi trid u tkun taf kif trid li ġidha jintiret. Bniedem li, f'kundizzjonijiet bħal dawn, jista' jiddisponi b'testment, ma jfissirx li għandu wkoll il-kapaċita' li jersaq fuq kuntratt "because capacity of contracting demands more severe requisites, since contract is a bilateral and irrevocable act"[9]. Fost il-kriterji li wieħed irid iqis meta jitkellem dwar l-inkapaċita' li persuna tersaq għal kuntratt, hemm dik li (a) il-kapaċita' hija r-regola u l-inkapaċita' l-eċċezzjoni; (b) l-inkapaċita' trid tiġi ippruvata minn min jallegaha[10]; (ċ) li biex persuna tkun kapaċi tagħmel kuntratt, mhux meħtieġ li jkun perfettament f'saħħtu minn moħħu, għax huwa biżżejjed li jkollu l-użu tar-raġuni b'mod li jkun jaf x'inhu jagħmel; (d) li ċ-ċirkostanzi tal-inkapaċita' iridu jirriżultaw minn fatti jew indizji gravi u ċirkostanzi preċiżi u mhux ekwivoċi[11]. Dawn il-kriterji – mħaddmin fil-każ ta' kapaċita' li wieħed jagħmel testment li jiswa – għandhom, għalhekk, jiġu applikati b'mod aktar strett fil-każ ta' kapaċita' li wieħed jersaq għal kuntratt

[9] Caruana-Galizia Notes on Civil Law: Obligations, paġ. 256

[10] P.A. 8.3.1952 fil-kawża fl-ismijiet Mifsud et vs Giordano et (Kollez. Vol: XXXIV.ii.404)

[11] App. Ċiv. 24.4.1950 fil-kawża fl-ismijiet Vassallo et vs Sammut noe et (Kollez. Vol: XXXIV.i.108)

inter vivos;'

Illi mill-atti jirrizulta li Jacqueline Seisun giet inabilitata nhar is-6 ta' Dicembru, 2015 permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) u nhatar l-Avukat Larry Formosa bhala kuratur sabiex jassisti lill-inabilitata fl-atti elenkati fl-Artikolu 524 sub-artikolu 1 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal dan l-Artikolu li gie kwotat aktar il'quddiem.

Jinghad li l-Qorti kif diversament preseduta fil-Gurisdizzjoni taghha Volontarja kienet tat l-inabilitazzjoni lil Jacqueline Seisun wara li rat ic-certifikat mahluf tal-Psikjatra Dr Joseph Spiteri li ccertifika li huwa fl-ahjar interess taghha li tigi inabilitata. Il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri xehed fl-atti fis-seduti tad-19 ta' Jannar, 2017 (a fol. 61 *et seq* tal-process), tal-21 ta' Marzu, 2017 (a fol. 71 *et seq* tal-process) u in kontro-ezami fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2017 (a fol. 80 *et seq* tal-process) fejn spjega li Jacqueline Seisun kienet ilha fil-kura tieghu ghal ftit snin u fejn giet iccertifikata li tbati b''*negative symptoms* ta' *schrizophrenia*'. Ix-xhud meta mistoqsi mill-Avukat Larry Formosa jekk fis-sena 2007 jafx jghid minn ezami jekk Jacqueline Seisun kinetx bil-fakultajiet mentali kollha taghha. Huwa wiegeb illi:

'***Dr Larry Formosa :***
Ahna li nixtiequ inkunu nafu fl-2007 is-sena li fiha iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni taf tghidilna minn l-ezami li ghamilt jekk kinetx qieghda fil-fakoltajiet mentali kollha taghha bhala li mhux mahkum minn din il-marda?

***Ix-Xhud :***

Ifhimni jiena fl-2007 ma kontx qed narha, jigifieri ha nibdew minn hemm. **Pero` il-kondizzjoni li ghandha hija xi haga li tkun ilha hemm zmien twil. Jien nista' nghid biss it's a likelihood, ma nistax nghid definitely. It's a likelihood li kienet hemm.**'. (enfazi tal-Qorti).

Illi ghalkemm l-intimat jichad kategorikament li l-inabilitata' Jacqueline Seisun kienet b'xi mod f'inkapacita' mentali fil-gurnata tal-ezekuzzjoni tal-atti, mill-atti jirrizulta li l-intimat Simon Mallia nnifsu fir-rikors tas-subbasta ntavolat fid-19 ta' Dicembru, 2008 fl-ismijiet Simon Mallia -vs- Jacqueline Seisun bin-numru 89/08 kien gja ddikjara li l-inabilitata qieghda tbati minn problemi psikologici. Il-Qorti ser tikkwota *ad verbatim* dak li gie ddikjarat fir-rikors imsemmi:

'Illi l-esponenti gie infurmat illi l-intimata qieghda taghmel hsara lil propjeta' u qieghda anke taqla inkwiet mal-girien u anke qalghet xi wires minn fuq il-bejgh. Infatti l-girien anke talbu l-ghajnuna tal-pulizija.

Illi l-esponenti gie avvicinat mill-pulizija minhabba l-agir tal-intimata u bhalissa hemm Godfrey Seisun li huwa hu l-intimata li qieghed jiehu hsiebha peress li ghandha bzonn kura psikologika u anke ghaddejjin proceduri sabiex issir l-interdizzjoni tal-intimata.'.

Di piu' waqt ezami tal-file mediku tal-inabilitata Jacqueline Seisun il-Qorti nnutat ukoll li fit-22 ta' Novembru, 2010 sar notament minn social worker certu Reuben Vella. Dan is-social worker iddikjara li Jacqueline Seisun kienet qieghda tigi segwita minn Dr J. Mifsud – cons. psychiatrist. Jinghad li dan jikkontraddixxi dak li l-intimat Simon Mallia sahaq fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u cioe' li l-

inabilitata Jacqueline Seisun qatt ma giet riferuta ghal xi tip ta' ghajnuna jew konsulenza psikjatrika ghajr fl-2013. Il-Qorti ser tikkwota n-notament ghal ahjar intendiment fejn inghad illi:

> 'Pt. was seing Dr. J. Mifsud, cons. psychiatrist at his private clinic. Pt. was prescribed some medication, however she quit taking them without seeking medical advice. Followed by s/w Dorianne of Appogg as she has reported social problems. Currently without electricity services. No review given as she is new to the services.
>
> Reuben Vella
> Social worker'.

Ix-xhud il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri fix-xiehda tieghu moghtija fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 a fol. 61 *et seq* tal-process spjega li l-istat tal-inabilitata kien ilu jipprogressa bilmod fuq numru ta' snin. Huwa qal is-segwenti:

> '***Il-Qorti :***
> U haga bhal din kemm iddum biex tizviluppa dawn is-sintomi?
>
> ***Ix-Xhud :***
> Issa the issue is li din hija a slow progressive condition. Certament ma kinetx ilha ghandha sena u nofs kemm ilni narha jien. Certament kienet ilha ghandha numru ta' snin, pero' dak li jkun ma jibdiex jinduna bil-bidla ghax tant kemm tkun bil-mod per eventwalment issir dik li hi, u li jigri huwa li tkun difficli hafna biex ikollok jew relazzjoni maghha, jew inkella tinnegozja maghha; hemm min jista' jisfrottaha. U dawn il-problemi kollha ahna impogguhom taht is-

sitwazzjoni tan-negative symptoms ta' l-ischizophenia li it is well known, u hija xi haga li ma tantx tirrispondi ghal medicina. Ghaliex scientifically hija nuqqas ta' celloli fil-mohh.

***Il-Qorti :***
Li hija nahseb you born with that hux hekk?

***Ix-Xhud :***
No, it develops.'

Illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2017 il-Qorti nnominat lil Dr Jean Pierre Giorgio sabiex jiddetermina l-kapacita` ta' Jacqueline Seisun ghal fini tal-kompetenza taghha fiz-zmien tal-kuntratt ta' separazzjoni u cioe' fil-11 ta' Dicembru, 2007, u kif ukoll jekk kelliex il-kapacita` li toqghod fi proceduri gudizzjarji ghal fini tas-subbasta, inkluz l-ittri gudizzjarji li gew pprezentati qabel is-subbasta tad-dar li sar fit-2 ta' Settembru, 2010. Madanakollu l-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2018 issostitwiet lil Dr Giorgio bhala Perit Psikjatriku billi rrevokatlu l-inkarigu minghajr ebda hlas dovut u hatret minfloku lil Profs David Mamo fit-termini tad-digriet tal-21 ta' Marzu, 2017, a fol. 69 tal-process.

Illi l-Profs David Mamo ntavola r-rapport tieghu nhar id-29 ta' Mejju, 2018 u halef l-istess nhar il-5 ta' Gunju, 2018 u jinsab esebit fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Avukat Larry Formosa noe -vs- Simon Mallia bir-rikors guramentat numru 269/2016 a fol. 58 tal-process. Il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkwota l-aktar parti rilevanti kif isegwi:

'In summary, Mrs. Jacqueline Mallia **suffers from a primary psychotic disorder with paranoid delusions and disorganized thinking (schizophrenia). She has no**

> **appreciation of the meaning of her separation agreement, nor the consequences of her not meeting this agreement. While I did not know or examined her at the time of her separation agreement, it is highly likely that she suffered from the same condition and difficulty at the time of the separation and thereafter, and that she was not mentally capable of signing the separation contract or appreciating the meaning and responding appropriately to the subsequent legal letters informing her of the consequences of breaking this contract.** Furthermore, Mrs. Jacqueline Mallia continues to be not mentally capable to manage her affairs today, including signing contracts, making a will, or appearing in court and/or advising a lawyer due to the nature of her mental health condition (schizophrenia).' (enfazi tal-Qorti)

Mill-atti jirrizulta li l-ebda parti ma ntavolat talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali u saru domandi in eskussjoni unikament minn Dr Larry Formosa a fol. 97 *et seq* tal-process.

Illi minn ezami tar-rapport jirrizulta li Profs Mamo ma setax jaghti konkluzjoni certa mija fil-mija peress li huwa ma kienx ezamina lill-inabilitata' Jacqueline Seisun lura meta gie ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni. Madanakollu huwa kkonkluda li '***... it is highly likely that she suffered from the same condition and difficulty at the time of the separation and thereafter****...*'.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal dak li spiss inghad fir-rigward tal-perizja tal-Qrati taghna fejn diversi drabi qaghdu fuq il-konkluzjonijiet peritali fost l-ohrajn fid-decizjoni fl-ismijiet **Giswarda Bugeja -vs- Emanuele Muscat et** deciza fit-23 ta' Gunju, 1967 fejn inghad illi:

'…ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet taghha nnifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madanakollu 'il gudizio del'arte' espress mit-tekniku ma jistghux u ma ghandux … … jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi rragonevoli.'

Dan premess, jinghad illi ghalkemm id-dikjarazzjoni fir-rikors tas-subbasta mill-intimat Simon Mallia saret cirka sena wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni jibqa l-fatt li din id-dikjarazzjoni saret qabel is-subbasta tal-fond u qabel ma gew intavolati hamsa (5) mis-sitt (6) ittri ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Isegwi li malgrad li l-intimat Simon Mallia kien ben konxju tal-istat mentali tal-inabilitata Jacqueline Seisun dakinhar tal-intavolar tar-rikors tas-subbasta huwa xorta pproceda b'li kellu jaghmel minghajr ma ha l-passi legali necessarji.

Illi ghajr ghar-rapport tal-Perit Psikjatriku Profs Mamo u l-opinjoni ta' Dr. Joseph Spiteri, fl-atti ma tressqux provi li l-inabilitata Jacqueline Seisun fid-data tal-kuntratt tas-separazzjoni kienet inkapaci li tikkuntrattja. Ikkunsidrat li kif inghad fid-decizjoni kwotata aktar il-quddiem fl-ismijiet **Scerri -vs- Fenech** '…*fil-qasam tal-kuntratti bilaterali (ukoll jekk mhux kommutativi) il-qies li jittieħed huwa wieħed aktar strett mill-kriterji li jintużaw biex titkejjel il-kapaċita' li wieħed jiddisponi b'testment*.', il-Qorti ma tqisx li ghandha tiddeciedi favur l-inkapacita' tal-inabilitata Jacqueline Seisun fid-data tal-kuntratt tas-separazzjoni stante li ma tressqux provi li jikkollaboraw dak li ddikjara l-Perit Psikjatriku. In oltre mill-istess

klawzoli miftiehma fil-kuntratt ma jirrizultax li hemm klawzoli li jidhru tant distorti kontra l-jeddijiet ta' Jacqueline Seisun li jistghu jikkorroboraw l-allegazzjoni li dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali l-istess Jacqueline Seisun ma kinitx qed tifhem l-import ta' dak li kien qieghed jigi miftiehem u ffirmat.

Mill-banda l-ohra mill-provi mressqa u kkwotati aktar il' quddiem, flimkien mal-opinjoni teknika tal-Perit Psikjatriku Profs David Mamo, il-Qorti tinsab konvinta li zgur li mill-intavolar tar-rikors tas-subbasta tad-19 ta' Dicembru, 2008 l' quddiem l-inabilitata kienet fl-inkapacita' mentali li tikkuntrattja.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-attur l-Avukat Larry Formosa rnexxilu jipprova lil din il-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi li hemm ragunijiet bizzejjed biex jigi dikjarat li l-inabilitata Jacqueline Seisun ma kinitx kapaci li tikkuntrattja u li tersaq ghall-atti kollha li saru fil-konfront taghha mill-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-10 ta' Novembru, 2008 (a fol. 18 tal-process) 'il quddiem, inkluz fil-proceduri tas-subbasta u tal-izgumbrament.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni bhala sorvolata;

2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Simon Mallia sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atti kollha magħmula mill-ittra ufficjali datata 10 ta' Novembru, 2008 bir-referenza numru 3413/2008 'il quddiem huma nulli stante li l-istess Jacqueline Seisun kienet maħkuma minn disturbi psikotiċi li jagħmluha inkapaċi li tagħmel atti ċivili tal-ħajja tagħha u għalhekk ġew notifikati u ppronunzjati kontra persuna li hija inkapaċi skond il-liġi; u

4. Tilqa' t-tieni talba limitatament u għar-raġunijiet fuq imsemmija tiddikjara bħala nulli u ineżistenti s-segwenti atti:

i. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 3413/2008, datata 10 ta' Novembru 2008 li tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tmintax-il elf erba' mija u zewg Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€18,402.26);

ii. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 1857/2009, datata 14 ta' Mejju 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tlieta u għoxrin elf u sittin ewro u tmenin ewro ċenteżmu (€23,060.80);

iii. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 1856/2009, datata 14 ta' Mejju 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tnejn u għoxrin elf mija u disgħa u għoxrin ewro u ħames ċenteżmi (€22,129.05);

iv. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 22/2010, datata 27 ta' Jannar 2010

tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erba' mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48);

v. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 23/2010, datata 27 ta' Jannar 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' dsatax-il elf mija u ewro u tmien ċenteżmi (€19,101.08);

vi. L-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref: 54/2010, datata 12 ta' Marzu 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erba' mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48); u

vii. L-atti kollha tal-bejgħ bis-subbasta fl-ismijiet Simon Mallia vs Jacqueline Seisun, ref. 89/2008 u l-atti kollha sussegwenti u kollaterali ghall-istess fosthom is-sentenza li ggib ic-citazzjoni numru 106/2011 fl-ismijiet Simon Mallia vs. Jacqueline Seisun datata l-10 ta' Ottubru, 2011.

Bl-ispejjez ghandhom jigu interament sopportati mill-intimat Simon Mallia.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju, 2021**